[www.alternattiva.org.mt](http://www.alternattiva.org.mt)

# Il-Bidla tal-Klima u l-Ħolqien tax-Xogħol : hemm relazzjoni ?

Minn Carmel Cacopardo
Kelliemi AD dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Gvern Lokali

Seminar organizzat mill-UĦM nhar il-25 ta' Novembru 2008

Kull Union ġustament tagħti prijorita lill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tagħha. Union ġenerali bħal tagħkom għandha l-possiblita u r-riżorsi (anke jekk limitati) illi tifrex il-ħarsa tagħha b'mod iktar wiesa'. F'din il-ħarsa tista' tgħarbel il-politika ekonomika u soċjali u kif dawn jintgħaġnu flimkien. Sa ftit ilu dan kien meqjus biżżejjed. Il-politika ambjentali kontu tħarsu lejha mill-bogħod. Forsi b'interess, iżda mhux wieħed dirett.

Il-Unions ma kienux uniċi f'din l-attitudi. Il-fehma ġenerali kienet illi l-ħidma tal-bniedem hi intenzjonata biex jiddomina fuq in-natura u fil-proċess li jagħmel dan jakkumula l-ġid.

Il-Unions kienu fost tal-ewwel li fehmu u ħadmu biex ħaddieħor jifhem illi l-politika ekonomika ma tistax tħares biss lejn il-profitt materjali iżda trid kontinwament tiffoka fuq l-impatti soċjali. Dan (b'mod partikolari fl-Ewropa tal-Punent) ittrasforma l-politika ta' Suq Ħieles għal waħda fejn is-suq ħtieġlu illi jwieżen ukoll lil min hu dgħajjef u b'hekk nissel il-Politika Soċjali tas-Suq (Social Market Economy).

Illum diversi qed jirrealizzaw illi aħna ma ngħixux f'ekonomija. Ngħixu f'eko-sistemata'. Bħala konsegwenza ta' dan il-fatt il-validita' ta' dak li nagħmlu jeħtieg illi jitkejjel mhux biss f'kemm hu ta' ġid għalina iżda ukoll irid jagħti piż qawwi dwar kif ser jeffettwa madwarna u lil hinn minnu. Ma nillimitawx ruħna iżjed għall-effett fuq il-bniedem iżda nikkunsidraw ukoll il-flora u l-fawna tal-viċin u tal-bogħod.

Meta nagħmlu hekk inkun qed nassiguraw li nħarsu lil hinn minn imneħirna. Inkunu qed inħarsu mhux biss il-ħajja illum iżda ukoll dik ta' għada. B'hekk inkunu qed nassiguraw li filwaqt li aħna illum kellna l-opportunita li nieħdu d-deċiżjonijiet meħieġa għall-progress fi żmienna fl-istess ħin inħallu l-possibilita li dawk li għadhom ma twieldux meta jiġi l-waqt ikunu huma ukoll jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom. Dan hu l-bażi ta' politika dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-pedament ta' ekonomija ġdida, ekonomija ekologija (The Green Economy).

Il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli hi kkonċernata illi tagħti direzzjoni differenti lill-ekonomija b'tali mod li din isir kompatibbli mal ħtiġijiet ekoloġiċi u soċjali. B'hekk l-ambjent, l-ekonomija u l-ħtigijiet soċjali ilkoll jingħataw piż meta jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Il-politika dwar il-klima nipproponi li nħarsu lejha b'dan il-mod.

Illum hawn preokkupazzjoni dwar il-bdil fil-klima. Din il-preokkupazzjoni hi imnissla mill-fatt li l-bidla fil-klima qed tinħass u l-effetti tagħha qed jidhru. Sakemm dawn l-effetti bdew jidhru ftit kienu dawk li taw kaz : imma l-ħsara diġa kienet hemm. L-unika differenza kien li din kienet għadha ma tidhirx. Għax ħafna drabi billi l-impatti ambjentali ma jidhrux mill-ewwel il-politiċi jibqgħu għaddejjin, qiesu m'hu jiġri xejn. Dak li l-effett tiegħu jmur lil hinn minn leġislatura parlamentari – f'kull rokna tad-dinja – dejjem tħalla għal "iktar tard".

Issa l-"iktar tard" wasal.

Il-klima qed tinbidel. Din il-bidla li ilkoll naraw u ħossu qed timmanifesta ruħha kif ġej :

1. it-temperatura qed togħla,
2. l-intensita tax-xita qed tiżdied imma l-frekwenza tagħha qed tonqos,
3. il-tempesti qliel li jħallu ħerba warajhom qed ikunu iktar frekwenti,
4. is-silġ qed idub,
5. il-livell tal-baħar qed jogħla,
6. l-istaġuni qed jinbidlu, qed jibdew fi żmien differenti minn dak li aħna imdorrijin.

Dan kollu għandu effetti kbar fuqna u madwarna.

It-temperatura li qed togħla nieħdu pjaċir biha fix-xhur xitwin imma fis-sajf iddejjaqna u per konsegwenza nixgħelu iktar kmieni u għal perjodi itwal l-Air Conditioner.

Fil-heat waves li qed ikollna fis-sjuf qed jiżdiedu l-imwiet ta' anzjani li ma jifilħux għas-sħana żejda, filwaqt li bit-temperatura togħla fix-xitwa b'mod partikolari f'pajjiżi ferm iksaħ minn tagħna qed jonqsu l-imwiet kawża tal-kesħa fix-xitwa. Imma b'temperatura li togħla iktar nistgħu nkunu f'posizzjoni illi mard li jinġarr minn insetti li ma għixux fit-temperaturi li kellna s'issa jistgħu jfeġġu fiċ-ċirkustanzi l-ġodda li qed jiżviluppaw.

In-natura, kemm il-flora kif ukoll il-fauna, bit-temperatura togħla qed titħawwad ftit. Għax tifhem li nbidel l-istaġun u l-bidla tat-temperatura jibda proċess tal-istaġun li jkun imiss.

Joseph Sciberras bidwi membru fil-Koperattiva Rurali tal-Manikata jispjegalna fil-kitba tiegħu **Ix-Xemx li Taħraq Kollox** illi meta t-temp huwa kiesaħ is-siġar inaqqsu l-attivita' tagħhom, jorqdu. Meta tinżel it-temperatura għal ftit jiem u l-arja wara ftit terġa tisħon is-siġar jaħsbu li waslet ir-rebbiegħa u jibdew jarmu l-fjuri. B'hekk meta jiġi s-sajf ta' veru s-siġar ikunu dgħajfa u jintilef ħafna frott.

L-intensita' tax-xita nassoċjawha mal-għargħar f'B'Kara u l-Imsida jew mat-tappieri tad-drenaġġ ifuru f'diversi partijiet ta' Malta. Forsi m'aħniex konxji li xita qawwija tkaxkar il-ħamrija mill-għelieqi tagħna u tagħmel ħerba fix-xogħol tal-bdiewa. Teffettwa l-ħidma agrikola b'mod li tnaqqas il-prodotti li l-bidwi jista' jipproduċi.

In-nuqqas tax-xita mhux biss tnixxef l-għelieqi imma tnaqqas r-rata li biha l-ilma tal-pjan ikun sostitwit bl-ilma tax-xita li jipperkola mill-blat. Flimkien mal-użu dejjem jiżdied tal-ilma tal-pjan in-nuqqas ta' xita qed iżid id-dipendenza tal-pajjiż fuq sorsi mhux naturali għall-ilma meħtieġ għall-konsum b'mod li illum niddependu għal 60% tal-ilma mir-Reverse Osmosis.

Is-silġ qed idub għax it-temperatura medja globali qed togħla u per konsegwenza l-livell tal-baħar qiegħed jogħla.

Dan kollu mela qed jeffettwa kull ħaġa li nmissu magħha : l-ilma, il-biedja, is-saħħa. Il-livell tal-baħar inevitabilment ser jeffettwa ż-żoni kostali tagħna li bħalma tafu fihom il-faċilitajiet turistiċi kollha.

Huwa stmat li b'żieda fit-temperatura ta' madwar 2°C il-livell tal-baħar jogħla b'mod li jkunu mhedda serjament partijiet mill-kosta li huma fil-livell tal-baħar : bħall-Imsida, Marsaskala, il-Marsa, l-Gżira u Tas-Sliema (naħa ta' Manoel Island). L-Aħrax tal-Mellieħa issir gżira għaliha u dan billi l-parti l-kbira mill-inħawi tal-Għadira inkluża id-Danish Village huma fil-livell tal-baħar. Inħawi il-ġewwa mill-kosta li huma f'livell tal-baħar bħal Ħal-Qormi, Burmarrad u l-Pwales (limiti ta' San Pawl il-Baħar) jistgħu jkunu effettwati ukoll. Jeżistu siti fuq l-internet li juru xenarji differenti.

Fil-waqt li dan m'huwiex ser jiġri għada jista' jibda joqrob lejn tmiem is-sekla li qegħdin fih. Skond osservazzjonijiet mis-satelliti fuq livell globali matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena l-livell tal-baħar għola b'medja ta' 3.1 mm fis-sena. Matul is-seklu għoxrin għola b'medja ta' 1.7 mm fis-sena.

Is-silġ fl-Artiku qed jonqos u nafu ukoll li jekk iddum dik li hi magħrufa bħala l-Greenland Ice Cap il-volum ta' ilma ġenerat iservi biex jgħolli l-livell tal-baħar b'7 metri !

Dan huwa kkawżat mill-gassijiet serra (greenhouse gases) li jirriżultaw mill-ħidma umana. Il-kontribut tagħna bħala Malta ġej prinċipalment mill-enerġija u t-trasport u f'miżura inqas mill-iskart u mill-agrikultura.

It-tnaqqis tal-kontribut tagħna bħala pajjiż lejn il-bidla fil-klima għaldaqstant irid jindirizza prinċipalment il-ġenerazzjoni tal-enerġija u t-trasport.

Fil-qasam tal-enerġija alternattiva filwaqt li ma nistax ngħid li ma sar xejn, nista' iżda ngħid li dak li sar sar tard u bil-mod. Għalkemm ġie determinat sit potenzjali għall-istallazzjoni ta' turbini tar-riħ għadu kmieni biex nistgħu ngħidu li dak hu s-sit. Meta jkun tlesta l-eżami tal-impatti ambjentali inkunu nistgħu nitkellmu aħjar fuq is-sit tas-Sikka l-Bajda. Dwar siti fuq l-art, nifhem li mhux faċli. Bejn li ħadd ma jridhom wara

biebu prinċipalment minħabba l-ħsejjes li jiġġeneraw u bejn problemi ta' estetika. S'issa iżda ma jidhirx li saru sforzi biex jinstabu siti adatti fuq l-art.

Insemmi biss żewġ eżempji.

Fir-raba' tagħna l-bdiewa użaw irdieden tar-riħ biex itellgħu l-ilma. Is-siti ta' dawn l-irdieden tar-riħ huma magħżula bir-reqqa minn missierijietna. Dawn is-siti, li jgħoddu bil-mijiet kollha għandhom il-potenzjal li jintużaw biex ikunu istallati turbini ta' daqs medju li komplesivament jistgħu jiġġeneraw ammont mhux żgħir ta' enerġija elettrika mir-riħ.

Fiż-żoni industrijali hemm ukoll il-possibilita' ta' stallazzjoni ta' turbini tar-riħ, tal-inqas f'dawk il-partijiet li huma distanti mill-abitat.

Dwar l-enerġija ġġenerata mix-xemx sar ftit wisq. L-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Gvern fl-aħħar buget għalkemm hi ġeneruża hi ftit wisq biex tagħmel differenza. Minbarra dan l-applikabilita tagħha hi limitata għal min għandu l-mezzi biex joħroġ parti mill-kapital rikjest. Kien ikun iktar floku kieku kienet ikkunsidrata skema fejn l-ispejjes tal-istallazzjoni jkunu jistgħu jitħallsu permezz tal-elettriku ġġenerat. B'hekk ikun assigurat li ma jkunx hemm min ikun eskluż minn aċċess għall-enerġija ġġenerata mix-xemx. Tkun indirizzata ir-rigressivita soċjali tal-politika dwar l-enerġija alternattiva.

F'dan il-kuntest l-eżempju li l-Gvern qiegħed jagħti permezz ta' skejjel bħal San Benedittu fejn ġew istallati pannelli fotovoltajċi għandu jkun estiż għall-bini pubbliku kollha fuq medda ta'snin. Dan jinvolvi spiża kapitali mhux żgħira imma fi ftit żmien din hi spiża li tista' tkun irkuprata, b'mod partikolari issa li r-rati tal-elettriku sparaw il-fuq.

Fid-dawl ta' dan kollu jidher ċar ħafna li l-bdil fil-klima ser toħloq ċaqlieq mhux żgħir fid-dinja tax-xogħol. Ċaqlieq li ħafna minnu huwa antiċipabbli u li dwaru jista'jsir ippjanar dwar taħriġ lill-ħaddiema tagħna, taħrig li m'għandux jistenna illi tagħlaq xi fabbrika biex jingħata.

Fil-mixja lejn ekonomija ekoloġika, qed jinħolqu (u jistgħu jinħolqu bosta iktar) impiegi illi jikkontribwixxu biex tkun ippreservata l-kwalita' ambjentali u fejn neċessarju din tkun restawrata. Dan jinkludi mpiegi konnessi mal-ħarsien tal-eko-sistemi u l-biodiversita, impiegi konnessi mat-tnaqqis fil-ħela ta' enerġija elettrika, tal-ilma u riżorsi oħra, tnaqqis fl-użu tal-*carbon* mill-ekonomija (*decarbonisation*), tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart u tniġġis ta' kull forma.

Dan ser ifisser :

1. illi jistgħu jinħolqu impiegi ġodda fil-manufattura ta' apparat li jnaqqas it-tniġġis,
2. xi impiegi ser jiċċaqalqu minn xogħol li qed isir illum għal xogħol ġdid li qed jinħoloq bħal fil-qasam tal-iskart jew fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija alternattiva flok dik tradizzjonali,

3. xi impiegi ser jintilfu u dan in konnessjoni ma attivita li tista' tkun eliminata jew imnaqqsa,
4. impiegi oħra ser ikunu żviluppati u trasformati biex jieħdu konsiderazzjoni ta' realtajiet ġodda.

Dawn l-impiegi jikkonċernaw

1. il-ħtiġijiet tekniċi konċernati l-ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva,
2. il-miżuri meħtieġa biex tiżdied l-effiċjenza tal-bini fl-użu tal-enerġija,
3. xogħol speċjalizzat konċernanti t-trasport, kemm dak għall-użu privat kif ukoll dak għall-użu tal-pubbliku,
4. l-industrija tar-riċiklar,
5. l-industrija tal-iskart,
6. is-servizzi ambjentali,
7. l-agrikultura in partikolari fit-transizzjoni lejn agrikultura organika.

It-triq hi twila u iebsa. Hemm problemi diversi konnessi mal-fatt li bdejna tard fit-triq lejn ekonomija li tirrispetta l-ambjent. Hemm ukoll il-problema li l-Gvern mhux dejjem konvint minn dak li qiegħed jagħmel. Imma nemmen li l-kuxjenza nazzjonali li qed tifforma ser tgħin u tkun ta' sostenn kbir biex din it-triq nibqgħu miexjin fiha bħala pajjiż.

F'din il-mixja l-Unions għandhom rwol kbir. Mhux biss ta' edukazzjoni tal-membri bħall-attivita tal-lum. Imma fuq kollox li jassiguraw li l-partiti politiċi kollha jibqgħu miexjin f'din it-triq. Għax it-triq ta' żvilupp sostenibbli, hi l-unika waħda li fis-snin li ġejjin ser tassigura kwalita' tal-ħajja aħjar. Imma biex dan iseħħ irridu nimxu f'din it-triq bla skossi. Mhux bis-sulluzzu.

Il-Gvern jista' jekk irid jassigura li t-triq lejn svilupp sostenibbli ta' dan il-pajjiż tkun waħda li dwarha jkun hemm kunsens nazzjonali. S'issa sfortunatament għażel li jimxi fiha waħdu bl-esklużjoni tal-forzi politiċi l-oħra. Hemm mod alternattiv li diġa ġie ippruvat fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Nawgura li għas-snin li ġejjin dan ikun il-metodu. Fejn flimkien nistgħu nfasslu l-mixja l-quddiem.